# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 1157/2013 SM**

**Allfreight Limited**
**(C- 3690)**

**vs.**

**Palm Shipping Agency Limited**
**(C – 9712)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-3 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti esponiet sintetikament is-segwenti tramite r-rapprezentant taghha hemm indikat:

1.1. Illi s-socjeta` *B.D.S. Limited* xtrat konsenja t'erbgha u ghoxrin (24) *NEC Mobile Pro* 900 *laptops* u inkarigat lis-socjeta` rikorrenti biex titrasporta l-istess mill-Amerika ghal Malta;

1.2. Illi s-socjeta` rikorrenti min-naha taghha inkarigat lis-socjeta` intimata bil-garr in dizamina;

1.3. Illi effettivament is-socjeta` fornitrici tas-socjeta` *B.D.S. Limited* fl-Amerika kkonsenjat il-merkanzija in dizamina skont l-ordni tas-socjeta` intimata jew il-mandatarju taghha;

1.4. Illi meta l-merkanzija wasslet Malta f'Awwissu, 2003, instab li kwantita` kbira minnha kienet nieqsa;

1.5. Illi fil-fatt minn konsenja t' 24 *laptop* instabu hamsa (5) biss;

1.6. Illi rizultat ta' l-istess is-socjeta` rikorrenti soffriet danni ekwivalenti ghal tlettax il-elf, tmin mija u sebgha u ghoxrin Ewro u sittax il-centezmu, (€13,827.16),

1.7. Illi s-socjeta` *B.D.S. Limited* fuq indikata kienet assikurata mas-socjeta` *Gasan Mamo Insurance Limited* li hallset lil ta' l-ewwel is-somma ta' tlettax il-elf, erba` mija u sebgha u sebghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu, (€13,477.75), rapprezentanti t-talba rikjesta mill-istess socjeta` eskluz l-ammont mizmum mill-istess socjeta` assikuratrici bhala eccess ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu, (€349.41), liema ammont gie supportat mis-socjeta` *B.D.S. Limited* stess;

1.8. Illi permezz ta' sentenza ta' din il-qorti s-socjeta` rikorrenti kienet ikkundannata thallas lis-socjeta` assikuratrici indikata fil-paragrafu precedenti kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` *B.D.S. Limited* l-ewwel ammont indikat fl-istess paragrafu, filwaqt li s-socjeta` *B.D.S. Limited* giet ikkundannata thallas it-tieni somma hemm indikata;

1.9. Illi n-nuqqasijiet riskontrati fuq riferiti huma r-responsabbilita` tas-socjeta` intimata;

1.10. Illi s-socjeta` rikorrenti rrikorriet fi spejjez biex tiddefendi ruhha fil-procedura fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt tmienja, (1.8.), aktar

qabel), *olte* l-imghaxijiet involuti, kif ordnat mill-istess qorti, li ghandhom ilkoll jigu mhallsa mis-socjeta` intimata minhabba n-nuqqasijiet taghha ta' vettural ta' din il-merkanzija;

1.11. Illi konsegwentement aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.11.1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti, konsistenti fil-kundanna tas-socjeta` rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet *Gasan Mamo Limited et* vs. *Allfreight Limited* et, rikors numru 401/2004;

1.11.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha thallas l-ammont ta' tlettax il-elf, tmin mija u sebgha u ghoxrin Ewro u sittax il-centezmu, (€13,827.16), rapprezentanti s-somma li s-socjeta` rikorrenti giet ikkundannata thallas permezz tas-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-11 ta' Novembru, 2013, u indikata fil-paragrafu precedenti;

1.11.3. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi responsabbli ghat-telf ulterjuri subit mis-socjeta` rikorrenti rapprezentanti imghaxijiet u spejjez li hi giet ikkundannata thallas bl-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti;

1.11.4. Tillikwida l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

1.11.5. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti dik is-somma rapprezentanti l-imghaxijiet u spejjez li s-socjeta` rikorrenti giet ordnata thallas fil-procedura indikata fil-paragrafi precedenti;

1.11.6. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-24 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti hi insostenibbli, frivola u vessatorja;

2.2. Illi bil-procedura odjerna s-socjeta` rikorrenti qed titlob li s-socjeta` intimata tigi dikjarata responsabbli u kkundannata thallas danni allegatament sofferti minnha b'rizultat ta' decizjoni tal-qorti odjerna kif hemm dedott;

2.3. Illi decizjoni ta' qorti ma tista` qatt titqies li hi kawza ta' dannu imma hi pronunzjament dwar responsabbilita` jew htija ta' parti f'kawza skont ir-rizultanzi tal-kaz;

2.4. Illi qorti qatt ma tista` tkun hi stess il-kagun tad-dannu tal-parti telliefa kif qieghed hawn jigi allegat;

2.5. Illi konsegwentement, din il-qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;

2.6. Illi *di piu`*, is-socjeta` intimata qatt ma tista` tkun il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti *stante* li ma jistax jigi moghti lilha htija ghad-decizjoni ta' qorti;

2.7. Illi konsegwentement ukoll, din il-qorti ghandha tillibera lis-socjeta` intimata mill-osservanza tal-gudizzju u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;

2.8. Illi rigward il-mertu, dan gia` gie kkonsidrat fil-kawza fuq citata deciza fil-11 ta' Novembru, 2013;

2.9. Illi in oltre, l-azzjoni odjerna hi wkoll preskritta *ai termini* ta' l-artikli 2156(f) u 2153 tal-Kodici Civili rispettivament;

2.10. Illi wkoll il-meritu in dizamina hu *res iudicata stante* li s-socjeta` intimata kienet parti fil-kawza fuq imsemmija,

liema kawza ttrattat ir-responsabbilita` tal-konsenja u tad-difetti hemm riskontrati u l-mertu gia` gie hemm deciz, bis-socjeta` intimata tigi dikjarata li ma kienitx responsabbli fir-rigward;

2.11. Illi ma kien hemm l-ebda appell mill-istess;

2.12. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

2.13. Illi in vista tal-premess, u tal-fatt li s-socjeta` intimata ma kienitx involuta fil-garr tal-merkanzija in dizamina t-talbiet ta' l-istess socjeta` rikorrenti:

2.13.1. Ghandhom jigu respinti;

2.13.2. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti;

2.14. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat is-16 t'April, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 155);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-18 ta' Mejju, 2015, (ara foll 156), li ghalkemm tardiva, *stante* l-*visto* tal-kontroparti, (ara foll 156), t-tardivita` riskontrata qed tigi injorata, u inoltre, fir-rigward tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata s-16 ta' Gunju, 2015, (ara foll 170), din ukoll tirrizulta tardiva izda, *stante* il-visto reciproku (ara foll 170), l-istess tardivita` qed tigi wkoll injorata;

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

7. Rat il-verbal datat it-18 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghan-noti minnhom ipprezentati, (ara foll 177);

Ikkunsidrat:

8.0. Illi tenut kont tas-suespost is-socjeta` intimata tissolleva s-segwenti kwistjonijiet preliminari li jimmeritaw l-attenzjoni tal-qorti f'dan l-istadju:

8.1. L-insostenibilita` ta' l-azzjoni odjerna;

8.2. Il-Preskrizzjoni; u

8.3. Ir-*res iudicata*;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi biex ikunu jistghu jigu indirizzati l-imsemmija kwistjonijiet ta' natura preliminari hu ghaqli li l-ewwel jigu sintetikament esposti l-fatti allegati mill-kontendenti, liema fatti jistghu jigu esposti bil-mod segwenti:

9.1. Illi wara li l-merkanzija in dizamina ingabret mis-socjeta` *Neck* (ara foll 20), (*recte NEC*) *Solutions* (ara foll 24), din giet spedita lejn Malta mill-Amerika, fl-14 t'Awwissu, 2003, mis-socjeta` *Expeditors*, (ara foll 23);

9.2. Illi jirrizulta li l-merkanzija *de quo* tghabbiet fuq l-Alitalia, (ara foll 21 u 26), u twasslu Malta fis-27 t'Awwissu, 2003, (ara foll 27);

9.3. Illi fit-28 t'Awwissu, 2003, inhareg ic-certifikat li jelenka d-danni riskontrati fil-merkanzija in dizamina, (ara foll 21 u 28);

9.4. Illi sussegwentement giet intavolata procedura legali mis-socjeta` assikuratrici involuta, datata l-1 ta' Gunju, 2004, (ara foll 113), *stante* li wara *survey* appozitu datat is-16 t'Ottubru, 2003, (ara foll 81), din is-socjeta` assikuratrici hallset l-ammont ta' danni sofferti mis-socjeta` importatrici, (ara foll 81);

9.5. Illi permezz ta' sentenza datata l-11 ta' Novembru, 2013, il-vertenza in dizamina kienet deciza kontra s-socjetajiet illum kontendenti, (ara foll 113 *et sequitur*);

9.6. Illi ma jirrizultax li kien hemm appell mill-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

10. Illi in vista ta' l-elenku sintetiku procedurali fuq espost hu issa ghaqli li jigu indirizzati l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari fuq indikati;

Ikkunsidrat:

11.0. **L-Insostenibilita` ta' l-Azzjoni:**

11.1. Illi din il-kawza hi intiza biex timla l-vojt mahluq min-nuqqas tas-socjeta` intimata li tintavola appell appozitu wara s-sentenza tal-11 ta' Novembru, 2013, fuq riferita;

11.2. Illi l-procedura hawn intavolata mis-socjeta` rikorrenti tirrizulta li qed tipprova timla l-vojt hemm riskontrat meta l-istess socjeta` halliet il-perjodu ta' l-appell minn dik is-sentenza jghaddi inutilment billi baqghet inattiva;

11.3. Illi ghandu jkun pacifiku li din il-procedura qed tittenta timla dan il-vojt meta hi qatt ma tista` taghmel dan ghaliex altrimenti tkun qed tistieden lil din il-qorti tagixxi fil-kwalita` ta' qorti ta' l-appell liema kwalita` ma tappartjenix lilha;

11.4. Illi konsegwenza tas-suespost din il-qorti tqis li s-socjeta` intimata pprovat din l-ewwel eccezzjoni preliminari minnha sollevata skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

12.0. **Il-Preskrizzjonijiet sollevati:**

12.1. Illi l-preskrizzjonijiet sollevati sintetikament jirrigwardjaw dik biennali u dik kwinkwennali, (ara paragrafu numru tnejn punt disgha, (2.9.), aktar qabel);

12.2. Illi tenut kont ta' dak rigwardanti l-ewwel risposta preliminari, (ara paragrafu numru hdax, (11.), aktar qabel), il-perjodu operattiv li fih is-socjeta` rikorrenti setghet tagixxi b'success kien jibda mid-data li fih gie skopert id-dannu riskontrat fil-merkanzija *de quo*, *senjatament*, fit-28 t'Awwissu, 2003, meta nhareg ic-certifikat li jelenka d-danni riskontrati, (ara foll 28);

12.3. Illi in vista tas-suespost ghandu jkun pacifiku li l-perjodu statutorjament impost fl-artikli tal-Kodici Civili fir-rigward jirrizultaw abbundantement skaduti meta pparagunati mad-data tat-3 ta' Dicembru, 2013, data ta' meta giet intavolata l-procedura odjerna, (ara foll 1);

12.4. Illi konsegwentement din il-qorti tqis li s-socjeta` intimata pprovat din it-tieni eccezzjoni preliminari minnha sollevata skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

13.0. **Ir-*Res Indicata*:**

13.1. Illi din l-eccezzjoni tinhtieg il-konkors ta' tlett (3) rekwiziti:

13.1.1. L-istess persuni – *eadene personae*;

13.1.2. L-istess oggett – *eadem res*; u

13.1.3. L-istess kawzali – *eadem causa petendi*;

13.2. Illi kif gie ritenut mill-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** fil-kawza fl-ismijiet **Innocenza Debattista et vs. Giovanni Farrugia**, datata t-**13 ta' Frar, 1958, Volum XLII. II. 918**:

> "Ghalhekk, ghall-akkoljiment tal-imsemmija eccezzjoni, irid jigi stabbilit li d-decizjoni gia`

imsemmija ... giet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni li huma partijiet f'din il-kawza, u li kellha bhala oggett u kawzali dawk l-istess dedotti f'din il-kawza";

13.3. Illi kif tkompli l-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti meta tikkwota d-**Digesto Italiano, Vol VIII, Parte I, Cosa Giudicata (Civile), para 58**:

"... che la domanda corra fra le medesime parti, e che sia proposta da esse e contro di esse nella medesima qualita`. La cosa giudicata consiste in una verita` puramente relativa, si restringe per conseguwnza alle persone fra le quali e` stato pronunziato il-giudicato";

13.4. Illi ghandu ghalhekk jirrizulta pacifiku li s-sentenza fl-ismijiet *Gasan Mamo Insurance Limited* vs. *Allfreight Limited* et (Rikors Numru 401/2006) (ara foll 113 *et sequitur* hu pronunzjament gudizzjarju vinkolanti kemm fuq is-socjeta` intimata, s-socjeta` *Allfreight Limited*, hawn rikorrenti, kif ukoll fuq is-socjeta` hemm kjamata in kawza *Palm Shipping Agency Limited*, hawn intimata, (ara foll 113);

13.5. Illi in vista tal-premess tqis li s-socjeta` intimata pprovat ukoll din it-tielet eccezzjoni preliminari minnha sollevata skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

14. Illi in vista tal-premess rigwardanti t-tlett (3) eccezzjonijiet preliminari fuq ezaminati u decizi jkun ghal kollox superfluwu li jigi investit il-mertu in dizamina u konsegwentement tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess;

**DECIDE:**

15.0. Illi ghadaqstant, in vista tal-premess tiddikjara li s-socjeta` intimata:

15.1. Ipprovat it-tlett (3) eccezzjonijiet preliminari minnha sollevati;

15.2. Tiddikjara :

15.2.1. Illi l-azzjoni odjerna hi insostenibbli;

15.2.2. Illi l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* ta' l-artiklu 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili;

15.2.3. Illi l-azzjoni odjerna hi insostenibbli *stante* li l-meritu in dizamina ghadda in gudikat;

15.2.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**